MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Avviz Numru. 288/2010

**Samuel sive Sammy Sultana u Catherine Sultana**

**Vs**

**A. Gatt Trading Limited (C23814)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Samuel sive Sammy Sultana u Catherine Sultana fejn esponew is-segwenti:-

**"***Illi l-esponenti taw ruhhom b'notifikati ghal mandat ta' sekwestru numru 1105/10 li s-socjeta' ntimata harget fil-konfront taghha, fejn l-istess socjeta' ntimata qieghda tippretendi hlas ta':*

*Illi s-socjeta' intimata qieghda tippretendi hlas in segwitu' ghall-ittra ufficcjali taghha taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu*

*12 tal-Ligijiet ta' Malta, prezentata fl-14 ta' Dicembru 2009 (Dok A).*

*Illi dan ir-rikors qed isir a tenur ta' l-Artikolu 166 A (5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li l-ittra ufficcjali appena msemmija ma tissodisfax ir-rekwiziti ta' l-Artikolu 166A (1) (2) u (3) ta' l-istess Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

*Illi jigi mill-bidu affermat illi s-socjeta' ntimata kienet minn dejjem riluttanti biex taghti informazzjoni dwar fuq xhiex qed tibbaza l-pretensjonijiet taghha, w anke meta mitluba mill-esponenti stess, naqset li tipprovdi d-dokumenti ossia kuntratti jekk kien hemm, illi fuqhom qed issejjes it-talba taghha.*

*Illi fil-fatt jirrizulta minn ittra ufficcjali prezentata mill-esponenti fl-20 ta' Marzu 2009 (Dok B) kontra l-istess socjeta' ntimata, illi l-esponenti kienu ufficcjalment interpellaw lis-socjeta' ntimata sabiex tikkonsenjalhom skrittura tal-5 ta' Marzu 2008 u li kienet intweriet lill-espoenti Sammy Sultana u lill-avukat tieghu sottoskritt f'laqgha li kellhom mar-rapprezentant tas-socjeta' ntimata Renato Attard u l-avukat li kien qed jassistieh dak iz-zmien, Dr. Mark Busuttil.*

*Illi di piu' mart l-esponent, Catherine Sultana, ghandu f'kull kaz jigi mhassar it-titolu esekuttiv fil-konfront taghha, ghax m'ghandha x'taqsam xejn man-negozju li jigestixxi l-esponent Sammy Sultana.*

*Illi jinghad illi din l-iskrittura minkejja li nterpellata sabiex tipproduciha, l-istess socjeta' ntimata baqghet ma pproducithiex, ghal ragunijiet li huma maghrufa lilha, imma b'certezza minhabba evazjoni ta' taxxa peress li jidher li kien hemm zewg skritturi u mhux wahda. Aktar minn hekk, waqt l-istess laqgha fuq imsemmija, l-imsemmi Renato Attard kien hataf din l-istess skrittura minn idejn l-avukat sottoskritt, bhal li kieku kien hemm xi haga li kellu jahbi, w bhal li kieku din l-istess skrittura ma kellhiex tara d-dawl.*

*Illi aktar minn hekk l-imsemmi Renato Attard ghas-socjeta' ntimata gieli hareg ircevuti ghall-hlasijiet li gieli jaghmilli l-esponent wara xi negozju, izda r-ricevuti kienu dejjem miktuba bl-idejn u qatt ma kellhom il-forma ta ricevuta fiskali. Ezempju car huwa d-dokument li qed jigi hawn anness bhala Dok C.*

*Illi cirkondati bil-fatti speci ta' dan il-kaz, l-esponenti umilment jemmnu illi dan huwa kaz car fejn, anke jekk dato non concesso hemm xi possibilita ta' ezistenza ta' dejn, zgur li dan mhuwiex cet, likwidu u li ghalaq, u ghalhekk ma jirraffigurawx ruhhom l-elementi essenzjali mehtiega mill-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi l-esponenti bil-qima talbu li dina l-Onorabbli Qorti sabiex ai termini ta' l-Artikolu 166A (5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta:-

"*1. Tappunta dan ir-rikors ghas-smeigh skond il-ligi.*
*2. Thassar u tirrevoka, w tiddikjara null u bla effett it-titolu esekuttiv fuq imsemmi, u cioe l-ittra ufficcjali taht l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, prezentata fl-14 ta' Dicembru 2009 minn A. Gatt Trading Limited kontra Samuel sive Sammy Sultana u Catherine Sultana ghal kull interess li jista' jkollha.*
*3. Tawtorizza l-hrug tal-kontro mandat ghal mandat ta' sekwestru fuq imsemmi."*

Bl-isepejjez u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-esponenti skond il-ligi.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Awwissu 2010 fejn ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors lill-kontro parti u appuntat dan ir-rikors ghas-smiegh ghal nhar is-17 t' Awissu 2010.

Rat ir-risposta tas-socjeta' ntimata A. Gatt Trading Limited a tenur tad-digriet ta' din il-Qorti kif preseduta ta' nhar il-ll t'Awwissu 2010, fejn l-istess socjeta' esponiet is-segwenti:

"*Illi fis-16 ta' Awwissu 2010 il-kumpanija esponenti giet notifikata bir-rikors promotur sekwestrati fejn ai termini tal-*

*Artikolu 166A (5) tal-Kap 12 qeghdin jitolbu: (i) it-thassir tat-titolu esekuttiv ottjenut mill-esponenti fil-konfront tas-sekwestrati permezz tal-ittra ufficcjali bin-numru 4414/09; u (ii) il-hrug tal-kontro mandat ghall-mandat ta' sekwestru bin-numru 1105/10.*

*Illi l-esponenti jirrilevaw li t-talbiet tas-sekwestrati huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

*1. Illi f'dan il-kaz lanqas tissusisti xi wahda mir-rgunijiet indikati mill-Artikolu 166A (5) li ghandhom iwasslu ghar-rexxissjoni ta' tali titolu esekuttiv, u cioe' fejn il-Qorti tkun sidisfatta:*

*i. Li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficcjali ghaliex huwa ma kienx gie notifikat kif imiss; jew*
*ii. Li l-ittra ufficcjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3).*

*Illi l-ewwel raguni certament li ma tapplikax f'dan il-kaz, peress illi kif jidher mill-vera kopja tal-atti tal-ittra ufficjali bin-numru 4414/09 mehmuza u markata bhala Dok A, s-sekwestrati gew it- tnejn notifikati fir-residenza taghhom 'Home Sweet Home', Triq is-Siniskalk, Zejtun fis-17 ta' Dicembru 2009, liema notifika hija valida ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi inkluz tal-Artikolu 187(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi s-sekwestrati jidhru li qieghdin isejsu r-rikors promotur taghhom fuq it-tieni raguni fuq imsemmija u cioe' li l-ittra ufficcjali bin-numru 4414/09 ma tissodisfax ir-rekwiziti preskritti fl-Artikolu 166A, paragrafi (1) (2) u (3).*

*Illi l-esponenti jqisu ukoll li tali ragunijiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet:-*

*I. Illi l-Artikolu 166A (1) jistipula li buiex tinhareg ittra ufficcjali a tenur tal-istess Artikolu huwa mehtieg 'dejn cert, likwidu u li ghalaq u ma jkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta' fatt u meta l-ammont ta' dejn ma jkunx*

*jeccedi tlieta u ghoxrin elf u mitejn u tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centesmu (€23,293.73)';*

*Illi dawn ir-rekwiziti gew sodisfatti kollha fl-ittra ufficcjali 4414/09, u certament mhuwiex minnu dak sostnut fir-rikors promotur li dan mhuwiex dejn cert, likwidu u li ghalaq. In oltre is-sekwestrati kienu ilhom jafu ghal kemm kienu jammontaw il-pretensjonijiet tal-esponenti kif anke jirrizulta mill-ittra tal-Avukat Mark Busuttil (li dak iz-zmien kien jippatrocina lill-esponenti) datata 25 ta' Novembru 2008 (kopja mehmuza bhala Dokument B).*

*II. Illi l-Artikolu 166A (2) jistipula li tali ittra ufficcjali ghandha tkun pprezentata skond il-formola stabbilita u l-kontenut taghha ghandu jkun konfermat ukoll bil-gurament mill-kreditur, liema ittra ghandha tigi notifikata lid-debitur fejn ghandu jigi dikjarat b'mod car, taht piena ta' nullita', ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, r-ragunijiet ghaliex ghandha tintlaqa' t-talba u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn ghat-talba;*

*Illi anke f'dan il-kaz l-esponenti ssodisfaw ir-rekwiziti kollha stipulati mil-ligi u l-ittra ufficcjali saret skond il-forma preskritta mill-Artikolu 166A (2) tal-Kap 12 u mill-Avviz Legali 278 tas-sena 2005;*

*Ili in oltre, l-kontenut ta' l-istess ittra gie konfermat bil-gurament minn Renato Attard (ID 87559 M) bhala rapprezentatnt legali u gudizzjarju tal-kumpanija esponenti a tenur ta' l-Artikolu 181A (2) tal-Kap 12, kif jirrizulta wkoll mis-sit elettroniku tal-Awtorita' Maltija Ghas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) – Dokument C mehmuz).*

*Illi anke n-notifika tal-istess ittra ufficcjali lis-sekwestrati hija in ordni. kif spjegat f'paragrafu tnejn (2) aktar 'l fuq.*

*III. Illi l-Artikolu 166A (3) tal-Kapitolu 12 jistipula li tali ittra ufficcjali ghandu jkollha taht piena ta' nullita' intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jwegibx fi zmien tletin (30) jum minn mindu jigi notifikat bl-imsemmija ittra billi jirrespingi t-talba in toto jew in parte permezz ta' nota*

*ffirmata u pprezentata il-Qorti mid-debitur stess minghajr il-htiega ta' firma ta' avukat jew prokuratur legali, dik l-ittra ufficcjali tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv;*

*Ili mill-ittra ufficcjali in dezamina bin-numru 4414/09 jidher b'mod car li tali rekwiziti gew sodisfatti ukoll mill-esponenti u b'hekk lanqas din m'hija raguni valida sabiex jithassar it-titolu esekuttiv ottjenut mill-esponenti permezz tal-imsemmija ittra ufficcjali.*

*Illi mis-suespost jirrizulta li r-ragunijiet li fuqhom qeghdin jibbazaw it-talbiet taghhom is-sekwestrati huma frivoli u vessatorji peress li qeghdin jinjoraw premessa fundamentali u cioe' li minkejja li gew debitament notifikati bl-ittra ufficcjali 4414/09 fis-17 ta' Dicembru 2009, huma ma pprezentaw ebda nota ta' opposizzjoni ghall-kontenut tal-istess ittra fi zmien tletin (30) jum kif lilhom koncess mill-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi sussgwentement, tali ittra ufficcjali giet reza esekuttiva a tenur ta' l-Artikolu 166A fl-14 ta' April 2010, u peress li l-kreditu dovut ghadu ma giex imhallas, l-esponenti ma kellha ebda ghazla ohra hlief li tipprocedi bil-hrug tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fil-konfront tas-sekwestrati.*

*Illi bla hsara ghas-suespost l-esponenti jirrilevaw ukoll li t-talba tas-sekwestrati ghall-hrug tal-kontro mandat ghall-mandat ta' sekwestru 1105/10 hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li mit-talbiet fir-rikors promotur jirrizulta li tali rikors huwa msejjes biss fuq l-Artikolu 166A (5) tal-Kapitolu 12, filwaqt li t-talba ghat-tnehhija ta' mandat ghandha ssir a tenur ta' l-Artikolu 836 tal-kap 12, inkluz billi s-sekwestrat jindika b'mod specifiku ghal liema raguni, mid-diversi ragunijiet moghtija fl-Artikolu 836, qieghed isejjes t-talba tieghu. Fin-nuqqas ta' dan kollu, tali talba tas-sekwestrati ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni u ghandha tigi wkoll michuda.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-kumpanija esponenti ssostni li din il-Qorti joghgobha tichad it-talbiet*

*tar-rikorrenti Samuel sive Sunny Sultana u Catherine Sultana.*

*Bl-ispejjez kontra l-istess Samuel sive Sammy Sultana u Catherine Sultana."*

Semghet lil **Renato Attard** jixhed fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2010 u jghid li huwa minnu li huwa ghamel negozju ma' Sammy Sultana u li dan iffirma *purchase order*, kif jirrizulta mid-dokument li esebixxa u li gie markat bhala dok Z. Huwa esebixxa wkoll kopja tal-*invoice* li giet markata bhala dok Y u kopja tad-*delivery note* immarkata bhala dok X, liema zewg dokumenti gew iffirmati minn dan Sammy Sultana. Huwa kkonferma w qal li kien minnu li Dr. Toni Abela kien talbu fotokopja ta' dawn id-dokumenti w fil-fatt hu kien tah kopja taghhom. Ikkonferma wkoll li waqt laqgha bonarja li kellhom, huwa kien wera kuntratt li kellu ma' certu Sammy Attard, pero' dan kien persuna ohra w kien urieh lil Dr. Abela bi zball, ghaliex ma kellu x'jaqsam xejn mar-rikorrenti odjern. Jghid li kuntratt dwar l-*after sales* bejniethom ma kienx hemm, kien hemm skrittura dwar il-modalita' tal-hlas li kellu jsir u cioe' ammont bhala depozitu, ammont mal-konsenja w ammont sal-ahhar ta' Settembru 2008. Qal li kien tah diversi *spare parts* u li r-rikorrenti ma kienx iffirma ghalihom. Ikkonferma li Sultana hallsu s-somma ta' ghaxart elef u hames mitt Ewro (€10,500) bhal pagament parzjali, kif jirrizulta mid-dokument B esebit a fol. 15 u fil-fatt jghid li f'dan l-ammont hemm inkluz il-VAT.

**Sammy Sultana** xehed fl-istess seduta tal-10 ta' Novembru 2010 u kkonferma li mill-ammont li kellu jhallas lis-socjeta' ntimata huwa gja kien hallas is-somma ta' ghaxart elef u hames mitt Ewro (€10,500) ghalkemm ircevuta ma nghatax minghand is-socjeta' A. Gatt Trading Limited. Huwa kkonferma d-dokumenti Z u Y esebiti fl-atti u gharaf il-firma tieghu fuqhom. Jghid li huwa minnu li kien xtara zewg magni minghand is-socjeta' ntimata w fil-fatt kien ghad fadallu jhallas xi tmintax-il elf Ewro taghhom lill-intimat. Jghid li ftehim dwar kif kellu jhallas lill-intimat ma kienx hemm. Fil-fatt jghid li beda jhallsu elfejn Ewro fix-xahar, u meta gie fi zmien difficli talbu biex jaqbez il-

pagament ghal dak ix-xahar, u l-intimat kien accetta. Qal li kienu saru qishom hbieb.

In kontro ezami jghid li kien talab lill-intimat sabiex jiehu l-affarijiet lura u jtih lura l-flus li kien hallas ghalihm. Jghid ukoll li kien talbu sabiex fix-xhur tax-xitwa jhallas biss l-imghaxijiet u jkompli bil-pagamenti fis-sajf, izda l-intimat ma kienx accetta dawn il-proposti. Ghal darb' ohra kkonferma li ma kienx hemm ftehim ta' kif kellu jhallas lill-intimat.

Semghet lill-avukati tal-partijiet jitrattaw il-kawza nhar it-3 ta' Dicembru 2010.

Ikkunsidrat:

Fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2010 il-Qorti semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-

1. Fl-14 ta' Dicembru 2009 is-socjeta' A. Gatt Trading Limited ta' Carpigiani Centre, 36, Triq L-Imdina, Attard pprezentat ittra ufficjali quddiem din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12, u nterpellat lil konjugi Sammy u Catherine Sultana sabiex ihallsu l-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf, erbgha mija sebgha u tletin Ewro u hamsa w tletin centezmu (€22,437.35) rapprezentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz tal-magni tal-gelat, l-oggetti w materjal debitament konsenjat lill-intimati fuq inkarigu taghhom "*liema dejn huwa cert, likwidu u dovut.*"

2. Samuel sive Sammy Sultana ma pprezentax nota fit-termini tal-Artikolu 166A sabiex jikkontesta l-imsemmija ittra ufficjali.

3. Fit-12 ta' Lulju, 2010 is-socjeta A. Gatt Trading Limited ipprezentat mandat ta' sekwestru ezekuttiv (1105/2010) ghas-somma ta' sitta u ghoxrin elf, mitejn u wiehed u erbghin Ewro u disgha u ghoxrin centesmu (€26, 241.29) li tinkludi l-imghax fis-somma ta' tlett elef mija tnejn u sittin euro u tlettax-il centesmu (€3162.13), is-sorte

fl-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf erba mija seba' w tletin euro u hamsa u tletin centesmu (€22,437.35) u l-ispejjez fl-ammont ta' sitt mija wiehed u erbghin euro wiehed u tmenin centesmu (€641.81).

**Kunsiderazzjonijiet legali :-**

Jibda biex jinghad li fl-ittra ufficjali jinghad li qeghda tintbaghat "*taht l-Artikolu 166A tal-Kap. 12".* Permezz tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap 12, il-Legislatur kellu l-hsieb li jnaqqas l-ammont ta' kawzi li jsiru billi ntroduca din il-procedura specjali. Bl-Att VII tal-2007 zdiedet il-kompetenza ghas-somma ta' €23,293.73, l-ammont li ghalih tista' tintuza din il-procedura. Wiehed ghandu jiftakar li fejn qabel persuna kellha taghmel kawza ghaliex ma jkollhiex titolu ezekuttiv, wara l-introduzzjoni tal-Artikolu 166A, kreditur jista' jottjeni titolu ezekuttiv b'semplici ittra ufficjali. Hu minnu li d-debitur ghandu l-opportunita' kollha li f'kaz ta' dubju jipprezenta nota fit-terminu ta' 30 gurnata min-notifika w jopponi t-talba, w b'hekk igieghel lill-kreditur ikun kostrett jaghmel kawza, madankollu tibqa' l-htiega li l-ittra ufficjali jkollha ***"dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba."*** Il-kreditur ghandu l-obbligu li fl-ittra ufficjali jaghti bizzejjed taghrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar x'hiex jittratta d-dejn u fl-istess hin ipoggih f'posizzjoni li jista' jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha f'parti minnha biss.

It-titolu ezekuttiv li jkollu kreditur bis-sahha tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 ghandu jigi dikjarat null u bla effett meta *"...... l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3)"*.

Skond l-avukat difensur tar-rikorrenti dan l-Artikolu tal-Ligi jistipula tlett rekwiziti li ghandhom jigu osservati sabiex ikun hemm validita' fl-ittra ufficcjali u cioe:-

(1.) li l-ittra jkun fiha r-raguni ghat-talba f'kaz ta' dejn li ma jeccedix is-somma ta' €23,293.73.

(2.) Ir-raguni ghalfejn ghandha tintlaqa' t-talba, u cioe' ghax id-dejn huwa cert likwidu u dovut; u
(3.) Hemm bzonn li jkun hemm dikjarazzjoni tal-fatti.

**L-Ewwel rekwizit.**

Il-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tapplika ghal dejn li ma jkunx jeccedi s-somma ta' €23,293.73. Issa minn ezami tal-ittra ufficcjali esebita jirrizulta li l-allegat dejn tal-konjugi Sultana jammonta ghal tnejn u ghoxrin elf mitejn u wiehed u erbghin euro u disgha u ghoxrin centesmu (€22,241.29) oltre l-ispejjez legali, w ghalhekk jaqa' fil-parametri ta' dak li tistipula l-ligi. Dwar dan ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni.

**It-Tieni rekwizit.**

Dwar it-tieni rekwizit jidher li hemm xi kontestazzjoni dwar il-formola w l-uzu ta' l-ittra ufficcjali ai termini ta' l-artikolu 166A tal-Kap 12, ghaliex fil-fehma tar-rikorrenti Sultana, dak li hemm miktub fl-ittra ufficcjali li l-ammont dovut huwa cert, likwidu w dovut mhux minnu.

**It-Tielet rekwizit.**

Dwar dan ir-rekwizit jidher li m'hemmx nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet.

Illi jirrizulta mill-atti processwali li l-intimat kien istitwixxa proceduri fil-konfront tar-rikorrenti odjerni, skond l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, w dan billi pprezenta l-Ittra Ufficcjali ai termini tas-Sub Artikolu 2 tal-Artikolu 166A li jghid:-

"(2) *Il-kreditur ghandu jmexxi billi jipprezenta ittra ufficcjali, illi ghandha tkun skond forma stabbilita mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja b'avviz legali u illi l-kontenut taghha ghandu jigi konfermat bil-gurament mill-kreditur, jew quddiem ir-registratur jew prokuratur legali mahtur bhala Kummissarju bis-setgha li jaghti gurament taht l-*

*Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgha li jaghtu l-gurament, li ghandha tigi notifikata lid-debitur fejn ghandu jigi dikjarat b'mod car, taht piena ta' nullità, ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, r-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba…."*

Issa l-Artikolu 166A (4) jistipula f'kaz li d-debitur, f'dan il-kaz ir-rikorrenti, ma jwegibx ghad-domanda li saritlu ai fini ta' dan l-Artikolu s-segwenti:-

"*Meta d-debitur ma jopponix it-talba fi zmien tletin jum min-notifika taghha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f'parti minnha fiz-zmien hawn qabel imsemmi, l-ittra ufficcjali ghandha ghar-rigward tat-talba hekk mhux opposta, jew dik il-parti fiha hekk mhux opposta, tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv bhallikieku dik l-ittra ufficcjali kienet inkluza fl-artikolu 253(a).*"

Dan hu proprju dak li qed jikkontendi l-intimat, li la r-rikorrenti ma kienx wiegeb, allura t-titolu tieghu gie rez ezekuttiv.

Illi pero' l-istess disposizzjoni tal-Ligi, w appuntu s-Sub artikolu (5) tal-istess disposizjoni, tipprovdi x'ghandu jsir f'kaz li r-raguni tal-intimat li ma wegibx tkun wahda gustifikata. Dan is-sub artikolu jghid hekk:-

"(5) "*Titolu ezekuttiv li jinkiseb skond id-disposizzjonijiet ta'dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppozzizzjoni min-naha tad-debitur,ghandu jigi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skond il-kaz, li tigi pprezentata mid-debitur fi zmien ghoxrin gurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta (i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficcjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*
*(ii) li l-ittra ufficcjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3)."*

Issa minn ezami tal-atti jirrizulta li r-rikorrenti pprezenta r-rikors odjern fiz-zmien stipulat fil-ligi ta’ ghoxrin gurnata, ai termini ta’ l-istes Artikolu 166A (5) tal-Kap. 12, u dan ghaliex fil-fehma tieghu l-ittra ufficcjali in desamina ma tissodisfax ir-rekwiziti ta’ l-Artikolu 166A (1) (2) u (3) imsemmija aktar ‘l fuq.

Illi pero’ minn apprezzament tal-provi ma jirrizultax li dawn it-tlett rekwiziti gew kollha sodisfatti, w dan ghaliex l-ammont ta’ debitu li ghandu r-rikorrenti, bhala sorte ma jeccedix dak imsemmi fis-Sub artikolu (1), in oltre m’hemmx dubbju li llum il-bilanc mitlub mill-intimat huwa dovut, cert u likwidu. Dan jirrizulta kemm mix xhieda li ta Samuel Sultana stess, li qal li huwa hallas is-somma ta’ ghaxart elef u hames mitt Ewro (€10,500) mis-somma dovuta, w li jaf li ghad fadallu bilanc xi jhallas. Huwa jghid li ma nghatax ricevuta tal-VAT, ghalkemm kien hallas permezz ta’ cekk, u li ghalhekk ic-cekk ghalih hija l-ircevuta. Jghid ukoll li ma kienx hemm ftehim dwar il-modalita’ ta’ kif kellu jithallas il-bilanc, pero’ dan m’hux minnu, kif jirrizulta mid-Dokument Z esebit a fol. 31 iffirmat minnu stess. Ghalhekk m’hemmx dubbju li dan id-dejn huwa cert, likwidu w dovut, stante li ilu dovut sa minn Settembru 2008. Jirrizulta wkoll li ir-rekwizit imsemmi fis-Sub artikolu (3) tal-Artikolu 166A jirrizulta wkoll, u dan ghaliex l-intimazzjoni li kellu jaghmel l-intimat, jew ir-rikorrenti odjern, fl-ittra ufficjali saret ukoll.

Jibqa’ ghalhekk biss il-kwistjoni kontemplata fis-Sub Inciz I tas-Sub Artikolu (5) tal-Artikolu 166A x’tigi trattata, w cioe’ jekk l-ittra ufficcjali in kwistjoni gietx notifikata lid-debitur. Dwar dan ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni, lanqas mir-rikorrenti stess fir-rikors promotur taghhom, u ghalhekk il-Qorti ma thossx li ghandha tikkummenta ulterjorment f’dan ir-rigward.

L-avukat difensur tar-rikorrenti jghid li din il-Qorti ghandha tilqa’ t-talba tar-rikorrenti, u dan ghaliex l-intimat ma hallasx il-VAT fuq l-ammont li huwa rcieva minghand ir-rikorrenti. Il-Qorti ma thossx li din ghandha tkun ir-raguni ghaliex ghandha tilqa’ t-talba rikorrenti, izda ser tordna li

x-xhieda li ta l-intimat tigi komunikata lill-Kummissaru tal-VAT sabiex jinvestiga din l-istess xhieda.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad it-talbiet rikorrenti w tilqa' l-eccezjonijiet tas-socjeta' ntimata, b'dan illi tordna li x-xhieda li ta renato Attard ghan-nom tal-istess socjeta' ntimata A. Gatt Trading Limited, nhar l-10 ta' Novembru 2010, tigi komunikata lill-Kummissarju tal-VAT.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura huma a karigu tar-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------